Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 44

**28 t' April 2022**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar il-Ħamis 28 t' April 2022 fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Joline Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 44 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **44.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm |
| **44.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 44.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 43, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill- kunsilliera s-Sinj. Corinne Buhagiar u ġew issekondti mill-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| **44.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 44.03.01 | Is-Sindku ressaq imejl b it-titlu tas-suġġett *Light up the Night* li bagħtet il-kunsilliera Corinne Buhagiar sabiex jinxtgħelu id-dwal fil-11 u 12 ta' Mejju bil-kulur Blu għal għarfien fuq il-mard ta Myalgic, Encephalomyelitis / Chronic Fatigue Syndrome ( ME / CFS ) u l-kulur vjola għal-għarfien fuq il-mard kroniku tal- Fibromyalgia (FM ) u ċ-ċirkolari 2022/047 sabiex jinxtgħel binjiet bil-kulur aħmar fl-14 ta' Ġunju għall-Jum Dinji tad-donaturi tad-demm sabiex ir-residenti jkunu konxji tal-dan il-mard u donaturi tad-demm. |
| 44.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar Ċirkulari 2022/ 039 fejn il-kunsill irrid iħallas il-miżata tal-membership tal-ECAD ta 250 ewro għall lokalitajiet li huma ta' popolazzjoni taħta il-25000. Il-benefiċji li lokal ikun membru f' din l-organizazzjoni, apparti l-prestiġju li huwa assoċċjat mal-Organizazzjoni Dinjija fit-taqbida kontra d-droga, jinkludu rata sussidjarja fuq parteċipazzjoni f'konferenzi, tqassim ta' materjal edukattiv fuq is-suġett, kif ukoll lectures u laqgħat li jsiru minn żmien għall żmien. |
| 44.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera kollha li l-kunsilliera Corinne Buhagiar attendiet għal-laqgħa tar-Reġjun dwar il-kultura. |
| 44.03.04 | Is-Sindku informa l-kunsill li l-kunsill kien applika dwar SPI / 7/ 2021 Fondi għal manutenzzjoni tal-proġetti maġġuri u infrastrurali imwettqa mill-gvern, fejn il-kunsill applika li hemm bżonn jiġi irranġat ix-xatt tal-Isla, speċjalment id-dwal lejn il-ponta fejn il-kurċifiss pero din ma ġiet milqgħuha avolja din l-applikazzjoni ħadu ħsiebha l-periti tal-gvern. Il-Bord kellu jibgħat għal-kunsill sabiex ikellem lil kunsill dwar din id-deċiżjoni. |

| | |
|---|---|
| 44.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsillierali is-Sinjorina Haylee Ghiller qed tirrapreżenta lil Isla fil-mudellar bħala Ms. Senglea. Kull mudella qed tiġbor fondi għall food bank u l-kunsill ser jikkolaborha billi jgħati xirja ta' 30 ewro. |
| 44.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li illum 28 t' April is-segretarju eżekuttiv reġgħet bagħtet lil Lands u ċempel is-Sindku stess sabiex naraw fejnn waslet l-applikazzjoni għal-permess tal-art biex issir il-lift minn Triq L-Arkati sa Triq is-Sirena għaliex jekk ma jkollniex l-approvazzjoni sal-10 ta' Mejju 2022 tiskadi l-applikazzjoni mal-PA u l-kunsill ikollu jerġa jibda mill-bidu. |
| 44.03.07 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li l-kunsillier Malcolm Gatt ressaq lis-sinj Romina Bonello lejn il-kunsill tal-Isla biex issir Clean up fil-baħar is-Sibt fis-7 ta' Mejju 2022 u jagħmlu skips u jinġabru it-Tnejn filgħodu. Il-Clean Up ser issir minn fejn il-gabbana Alice Spring Kiosk sa fejn l-Enchante. |
| 44.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-gvern ħabbar li tal-ħwienet irridu jissaparaw l-iskart organiku u jinġabar minnhom. Is-Sindku issuġġerixxa li tintbgħat ċirkulari lil tar-restoranti kollha. |
| 44.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li illum installaw il-WIFI b'dik l-iskema li l-kunsill kien applika għalija fejn il-kunsill ingħata 15000 ewro għal din l-iskema. Dawn ġew installati fejn l-open Gym, Il-Gardjola u l-Kunsill sabiex mewta jitlesta l-forti San Mikiel jerssaq lejnil-forti. |
| 44.03.10 | Is-Sindku informa li l-aħħar laqgħa tar-reġjun nru 4 attenda għaliha il-viċi Sindku minfloku li saret fl-20 t'April 2022. Waqt il-laqgħa tar-reġjun port inħarġet sejħa għall-viċi president u s'issa ġew innominati żewġ persuni is-Sindku ta' Ħaż-Żabbar u s-Sindku tar-Raħal Ġdid. |
| 44.03.11 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar l-iskema li ħarġet dwar restawr ta' Postijiet storiċi u monumenti f'Malta imma il-lokaltiajiet tal-kottonera ma jistgħux japplikaw għaliha. |
| 44.03.12 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li ser issir ir-restawr tas-swat tan-naħħa ta' Boiler Wharf suppost għandu jkun lest sa Awissu 2022. |
| 44.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li fit-30 ta' Mejju 2022 il-Gardjola ser tintuża mill-Għaqda tar-regatta. |
| 44.03.14 | Is-Sindku ikkomunika lil kunsilliera li fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira kien hemm kenniesa tal-Bad Boys fejn ħa ħsieb il-kunsillier Malcolm Gatt li għal dawn il-kennies il-kunsill ma ħariġx flus. Il-Cleanisng Department naddfet ukoll fuq iz-zuntier mingħajr ħlas ukoll. |

| | |
|---|---|
| 44.03.15 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa mal-kuntrattur tal-knies fejn ġibdulu l-attenzjoni li l-knies mhux qed issir kif suppost u dan qal li ser iġġib aktar ħaddiema minn barra mill-ġimgħa d-dieħla. |
| 44.03.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv reqgħet ir-rapport li bagħat il-contracts manager tax-xahar ta' Marzu li dan mhux aċċetabli, ma jistax ikun li f'xahar ir-rapport ikun ta żewġ ritratti biss għalhekk ser tingħata default notice għal dan il-pagament fi skeda 4/2022 u l-pagament jitnaqqas skont il-kuntratt. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li għandha tintbgħat default notice. |
| 44.03.17 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet applikazzjoni tal-EUCF swar l-asbestos. Is-Sindku informa li dan il-proġett qed jitkompla. |
| 44.03.18 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li il-problema tax-xatt dwar il-parkeġġ bdiet għalhekk is-Sindku bagħat lil Prim Ministru dwar din il-problema u rċieva imejl mis-segretarju tal-Prim Ministru li L-Ministru Aron Farrugia għandu jibgħat għas-sindku sabiex jiddiskuti din il-problema tal-bowsers li jgħaddu mix-xatt u jinħoloq *traffic jam* sħiħ. |
| 44.03.19 | Is-Sindku fakkar lil-kunsilliera li fis-6 ta' Mejju 2022 hemm il-Filming tal-kumpanija Marengo fix-xatt tal-Isla minn fejn il-Madonna sal-grawnd tal-futbol. |
| 44.03.20 | Is-Sindku informa lil Puluzija li kien hemm ilmenti dwar Opri tal-baħar li qegħdin fuq il-bankina fi Triq is-Sur sabiex jieħdu azzjoni. Is-Sindku informa li-Sur Pollaco li sal-aħħar ta' Mejju id-dgħajjes kollha irridu jiġu varati l-baħar. |
| 44.03.21 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv attendew għal laqgħa mal-periti ta' Infrastructure Malta dwar Triq il-Vitorja. Kien hemm preżenti inġiniera tal-Enemalta sabiex jiddiskutu li cable għandu jgħaddi mill-kantuniera ta' Triq San Lawrenz sa San Filippu sħiħ sabiex ma jkunx hemm ġonnot, iżda dan ser joħloq inkonvenjent kbir kemm għat-traffiku kif ukoll għall karozzi tal-linja għalhekk ġie issuġġerit li ma jsirx sħiħ imma bi *sleeves* kantuniera, kantuniera. Jekk dan ix-xogħol ma jsirx il-fondi għall din it-triq jintilfu u jallokawhom għal Toroq oħra f'lokalitajiet oħra. Ġie issuġġerit li jibdew minn Triq San Mikiel sa San Filippu. Il-Festa żgur li ser tiġi affetwata għaliex dan ix-xogħol mhux ser ikun lest sa Settembru. Il-periti ta' Infrastructure Malta iddiskutew mas-sindku u mas-segretarju eżekuttiv li l-bankini jekk jinqalgħu issiru konkos. Is-Sindku kien tal-idea li jsiru pavimentati iżda m'hemmx fondi għal dan il-proġett. Infrustructre Malta lesti li jagħmlu is-sodda tal- |

| | |
|---|---|
| | bankina iżda għall pavimentar tal-bankini irrid jaħseb għalihom il-kunsill. Is-Sindku ser jitlob laqgħaq mal-Ministru Clayton Bartola tal-MTA sabiex naraw jekk il-lokalita tal-Isla bħala belt tistax tingħata fondi għal dawn il-bankini bħal ma saru f' lokalitajiet oħra. Is-Sindku bagħat lis-segretarja tal-Ministru Is-Sinj. Joanne Xuereb sabiex il-kunsill jiltaqa' mal-ministru.<br><br>Is-Sinkdu informa lil kunsilliera li s-substation tal-Enemalta li kienet ser issir quddiem il-Gardjola mhux ser issir minħabba l-estetika tal-post ma ingħatawx permess. |
| 44.03.22 | Is-Sindku kellu laqgħa oħra mal-GHRC dwar in-niżla ta' Triq il-Ħabs l-antik fejn din ser tinqala' fi żmien ħmistax oħra. Iż-Żonqor tat-taraġ ser jinqala u jiġi imnaddaf u jerġgħu iwaħħluħ.  Ix-xogħol ser jibda minn kantuniera ta' Triq iż-Żewġ Mini lejn Triq San Ġużepp. Il-Parkeġġ jonqos livell ieħor u ser issir aktar parkeġġ ta' madwar 40 parkeġġ. Il-GHRC talbu li t-trafikku jinżel minn Triq Sant Anna u jkun jista jdur sal-kunsill għal-residenti biss. Il-Kunsill irrid jinforma lil tal-Gas u lil tal-iskart sabiex il-boroż jinżlu ix-xatt. Dan ix-xogħol għandu jsir fi żmien xahar sa kemm ma jinstabux xi diffikultajiet. |
| 44.03.23 | Is-Sindku, flimkien mas-segretarju eżekuttiv bagħtu imejl lil tar-Reġjun fejn ikkonfermaw li l-kunsill lokali tal-Isla jixtieq jipparteċipa fil-proġett sorġi fejn isiru bankijiet minn affarijiet reċiklati. |
| 44.03.24 | Is-Sindku ressq żewġ imejl mill-Għaqda Sajjieda u Barklori fejn qed jitolbu bollords fejn il-gabbana Alice Spring Kiosk taħt il-bankina sabiex ma jipparkjawx fis-slip ways għax meta jħallu dgħajjes fis-slip ways il-karozzi jistgħu jolqtu lid-dagħajjes.  Is-Sindku infroma lil kunsilliera li din it-talba għand tiġi imressqa lil Public Works għaliex ix-xatt mhux f'idejn il-kunsill. Is-Sindku talab laqgħa mal-president is-Sur Clayton Fiteni.<br><br>It-Tieni talba kienet li ssir tinda tal-injam bħala shelter għal barklori għall meta jkunu qed jaħdmu fuq id-dgħajjes tagħhom. Il-Kunsill qabel ma dan il-proġett iżda l-għaqda għandha titlob permess lil PA. |
| 44.03.25 | Is-Sindku irreferi għal-imejl li intbgħatet mir-Reġjun dwar rapport li sar bħala social pack assesment, is-Sindku għandu jibgħat dan ir-rapport lil kunsilliera kollha sabiex ikunu infurmati. |
| 44.03.26 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-Perit Wendy Jo talbet laqgħa mas-sindku dwar il-proġett tal-ambjent. |

| | |
|---|---|
| 44.03.27 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar il-proġett tal-youth exchange f' Bela Palanka. Issa li infetħu r-ristruzzjonijiet tal-ivjaġġar il-project manager qed jipproponi li l-ewwel laqgħa għandha issir f'Bela Palanka bejn it-3 u is-6 ta' Ġunju 2022. Il-Parteċipanti għandhom ikunu tnejn minn kull pajjiż. Bħala Youth Exchange qed jiġi suġġerit id-dati ta bejn 23 ta' Settembru u 29 ta' Settembru 2022 jew 7 t' Ottubru sa 13 t' Ottubru 2022. Il-Parteċipanti irridu jkunu ħames żagħżagħ u leader minn kull pajjiż. |
| 44.03.28 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet imejl mibgħuta minn għand id-Direttur għall Gvern Lokali Ċirkulari SPI/SCI/4/2022 dwar korsijiet Lifelong Learning 2022/2023 offruti mid-direttorat għar-riċerka, tagħlim tul il-Ħajja u Impjegabilita'. |
| **44.04** | **Ġieħ L-Isla** |
| 44.04.01 | Programm ta' Jum L-Isla<br><br>Fil-5 ta' Mejju 2022 fid-9.30 ser intellgħu konferenza għat-tnehdija tal-proġett li ser issir mill-fondi tan-Norway Grants li għal din il-konferenza ser ikun hemm mistiedna is-Segretarju Parlamentari għal-Kunsilli Lokali is-Sinj. Alison Zerafa Civelli u l-Ministru Chris Bonett.<br><br>Fis-6 ta' Mejju 2022 ser titella' l-attivita mal-iskola Primarja dwar il-proġett Once Upon a Time fejn ser jitqassmu l-kotba li ġew ippublikati min dan il-proġett li danil-ktieb ġie miktub minn studenti Sengleani u studenti oħra mill-Kroazja u l-Italja. Għal din l-attivita is-Segretarju Parlamentari għal-Kunsilli Lokali is-Sinj. Alison Zerafa Civelli hija mistiedna u ser tatendi. Il-Kunsill ser jixtri pjanti sabiex l-kunsill ikompli isebbaħ l-ambjent tal-iskola għall istudenti li jattendu l-iskola Primarja tal-Isla. Ser jitqassmu frott lil kull student wara mixja lejn il-Gardjola biex jieħdu rikrejazzjoni fil-Ġnien, kif ukoll din il-mixja issarraf fi proġett li l-iskola qed tieħu sehem fil-proġett *Move for Tree*. Dan il-proġett huwa biex gġall kull 50kilometru li l-istudenti jimxu tinxtara siġra. Il-Kunsill ħaseb ukoll biex jinxtraw fjuri għall kull klassi tal-iskola primarja biex jiġu preżentati quddiem il-Madonna tan-nofs fil-Pjazza għall Jum L-Isla li jaħbat ukoll ix-xahar tal-Madonna. Ser issiru attivitajiet ġewwa l-iskola u jingħataw iċ-ċerifikai għal din l-attivita.<br><br>Fis-6 ta' Mejju 2022 fil-5.30pm ser issir tnedija tal-proġett mal-YMCA fejn ser jitella' filmat ta' intervisti ma residenti anzjani biex jiddiskutu dwar iż-żminijiet tal-imgħoddi magħhom. Għal dan il-proġett il-kunsill ser ikun qed jgħati is-somma ta' 500 ewro u ser jintlaħaq ftehim MOU li s-sala tal-kunsill tista tiġi użata miż-żagħżagħ tal-YMCA. |

| | |
|---|---|
| | Fis-7 ta' Mejju 2022 ser issir Clean up Day mit- 8.00am sat-3.00pm u ser issir attivita' fil-pjazza 4 ta' Settembru fejn ser ikun hemm residenti li ser jesssebixxu l-arti tagħhom, ser ikun hemm l-għana u ser jiġu esebitti wkoll karrozzi antiki u ser ikun hemm il-puluzija biż-żwiemel tagħhom iżda dawn għad irridu jikkonfermaw. Ser ikun hemm bouncing castle ukoll. Ser jiġu armati xi imwejjed fil-Pjazza imma dak in-nhar biss għall attivita. Il-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia ħareġ minn din id-diskussjoni minħabba interess peresonali. Din l-attivita' ser tkun mill-10.00am sas-1.00pm. Fil-Ġimgħa ta' Jum L-Isla mhux ser jingħata leave lil ħaddiema u kulħadd ser jagħti is-sehem tiegħu.<br><br>Ser issir playstation tournament fil-librerija u ser jingħataw premijiet għal-ewwel, it-tieni u t-tielet li dawn ir-rigal ġew mgħotija minn The Note book Centre.<br><br>Ser issir ukoll tournament tal-Biliard, Boċċi u darts għall Jum L-Isla fejn il-Kunsill ser jgħati trophies għar-rebbiegħa ta' dawn it-tournamnets.<br><br>Fis-7 ta' Mejju 2022 il-kunsill ser jistieden lil għaqdiet kollha fi Ġnien il-Gardjola fil-5pm flimkien mal-kunsilliera sabiex jingħataw rikonoximent għall Jum L-Isla. Dejan Grech rebaħ l-unur fl-isnooker, Liam Cutajar u Martha Perici Ferrante rebbieħa fil-Water Polo ta' Malta u Domnic rebbieħ fil-qasam tal-fotografija tal-isports.<br><br>Fis-7 ta' Mejju 2022 fit-8.00pm jibda l-programm mal-kantanti stereo tipi. Fil-11.00pm jibda jiżżarma il-palk u l-pjazza terġa tiġi għan-normal.<br><br>Fit-8 ta' Mejju 2022 ser issir quddiesa sabiex tiġi iċċelebrata Jum L-Isla fejn ser ikunu mistiedna is-sindki kollha tal-kottonera u s-Segretarju Parlamentari għal-Kunsilli Lokali is-Sinj. Alison Zerafa Civelli u l-Ministru Glenn Bedingfield u is-Sinj. Bernice Bonello. Wara tqegħid tar-rand quddiem il-monument tal-gwerra issir mixja lejn is-sala tal-kunsill sabiex jibda' l-programm għall-Jum L-Isla b'qari ta' poeżiji mis-Sur Charles Clews, is-Sur Emmanuel Cachia u mużika mis-soprana Astrid Cacciatore u mill-Maestro Brian Cassar<br><br>Wara diskorsi mis-sindki u membri parlamentari is-Sinkdu jippreżenta l-Ġieħ L-Isla.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurma li hi kienet is-segretarju tal-bord tal-Ġieħ L-Isla u għalhekk qed tressaq ir-rapport tal-evalwazzjoni tan-nomina tal-Ġieh L-Isla fejn il-bord li kien kompost mis-Sur Fabian Mangion, mis-Sur Joe Scerri, Mis-Sur James Farrugia, mis-Sur John Portelli u mis-Sinj. Connie Galea għażel li l-Ġieħ L-Isla jingħata lis- |

| | |
|---|---|
| | Sur. Jospeh L. Mallia minn grupp tan-nies li huma stess innominaw. Is-Sur Joseph L. Mallia huwa artist Sengleani magħruf għall-versalita' kif ukoll għall-perfezzjoniżmu u l-esperentazzjoni tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat il-biografija tas-Sur Jospeh Mallia. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-minuti li ġew iffirmati mill-membri tal-bord fejn iI-bord qabel unanimament li l-Ġieħ L-Isla għandu jingħata lis-Sur Joseph Mallia u jekk is-sena id-dieħla jibqa' l-istess bord, il-bord ħass il-ħtieġa li għadhom jiġu emendati il-linji gwidi dwar in-nomini. Fi Frar 2023 għandu jiltaqa' l-bord.<br><br>Il-Kunsill approva in-nomina għall Ġieħ L-Isla li għandu jingħata lis-Sur Joseph .L. Mallia.<br><br>Is-Sindku propona li jibqa' l-istess bord għas-sena d-dieħla. Il-Kunsill qabel unanimament li jibqa' l-istess bord u l-kunsill japprova.<br><br>Ser issir wirja t'arti fis-sala tal-kunsill u riċiviment għal-Jum L-Isla. |
| **44.5** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 44.5.1 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Jista l-Kunsill jikkolabora mas-Sur Dejan Grech għall tournament mondjali bħal ma sar fis-sena 2021 fejn il-kunsill kien ħareġ fondi ta' 200 ewro ?<br><br>Is-sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li l-kunsill għandu jikkolabora sabiex aktar talenti tar-residenti Sengleani jiksbu aktar unuri f' oqsma differenti.<br><br>Jista l-Kunsill jiżboħ l-*istop sign* li hemm ma l-art int u tiela' minn Triq il-Miġja tal-Papa, għaliex hemm *stop sign* fil-kantuniera fi Triq San Ġuzepp mal-kantuniera ta' Triq il-Miġja tal-Papa. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsill laqa’ din it-taba. Din kienet inżebgħet sewda u reġa’ tfaċċa l-abjad ta’ din li *STOP SIGN*. |
| 44.5.2 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Malcolm Gatt nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Jista l-Kunsill jaqla sleeping policeman minn fejn il-bieb ta’ omm Malcolm u issir aktar il-quddiem bejn Triq D’homedes u Triq is-Sur li tiġi Triq San Ġiljan.<br><br>Is-Sindku qabel ma din is-sleeping policeman. |
| **44.6** | **Rapporti** |
| 44.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b’imjel rapport tal-ewwel kwart tas-sena minn Jannar sa Marzu 2022. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw ir-rapport tal-ewwel kwart wara li ġie approvat mil-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u il-Kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| 44.6.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b’imjel rapporti tal-*Purchase Order* ta’ Marzu 2022 *u Petty Cash* għax-xahar t’ April 2022 fejn ġew approvati mill- kunsilliera Corinne Buhagiar u s-sekondati mil-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| 44.6.3 | Is-Sindku irringrazja lis-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-istaff tal-ħidma tagħhom waqt l-awditjar tal-awdituri għas-sena 2021. Is-segretarju eżekuttiv resqgħet ir-rapport tal-Financial Audit tal-awdituri għall-approvazzjoni tal-kunsill. |
| **44.7** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |

| | |
|---|---|
| 44.7.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 4/2022 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mis- sinj. Corinne Buhagiar u s-Sur Anthony Bonavia. |
| **44.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 44.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30pm.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 26 ta' Mejju 2022 fil-5:00p.m |

Konfermati, illum 26 ta' Mejju 2022

IFFIRMATI
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATI
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv